QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 8 ta' Gunju 2001

Numru 19

Citaz. Nru. 1474/91 FDP

Margaret Mifsud mart Emanuel u l-istess Emanuel Mifsud bhala kap tal-komunjoni.

Vs

Joseph Scicluna, Mary sive Mignon Marshall, u Corinne Ramsay Scicluna, kif ukoll Vincent Curmi u l-Avukat Dr. Noel Arrigo bhala amministraturi ta' l-assi tal-mejjet Markiz John Scicluna;
u b'nota tas-27 ta' Jannar 1992 Prof. Ian Refalo bhala prokuratur specjali ta' Joseph Scicluna assuma l-atti tal-kawza f'ismu stante li jinsab temporanjament imsiefer;
u b'digriet tad-29 ta' Lulju 1997 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Joseph Marco Sammut u lill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw il-wirt incert tal-mejjet Joseph Scicluna.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-istanti Margaret Mifsud ghamlet zmien impjegata mal-konvenuti bhala fattiga f'Palazzo Parisio, Victory Square, in-Naxxar;

Premess illi tul is-sena 1989 fil-kors ta' dan l-impjieg l-istanti Margaret Mifsud giet kostretta taghmel xoghol ta' strapazz, kimpriz irfiegh ta' oggetti tqal, u bhala rizultat ta' dan hi korriet f'ghonqha u daharha u baqghet issofri minn debilitazzjoni ta' natura permanenti;

Premess illi bhala konsegwenza l-istanti Margaret Mifsud tilfet l-impjieg u llum mhix kapaci taghmel xoghol li jitlob ukoll ftit ta' sforz;

Premess illi bhala rizultat ta' dan l-atturi sofrew danni sostanzjali;

Premess illi l-konvenuti mitluba joffru kumpens baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici sofriet debilitazzjoni permanenti li ghaliha huma responsabbli meta fil-kors ta' l-

impjieg maghhom hi giet kostretta taghmel xoghol ta’ strapazz li kien imur oltre x-xoghol normali taghha;

2. Tillikwida d-danni li z-zewg atturi sofrew bhala rizultat tal-korriment li kellha l-attrici, u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta’ perit jew periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma hekk likwidata bhala danni sofferti mill-istess atturi bhala rizultat ta’ dan il-korriment;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tas-27 ta’ Gunju 1989 u dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Marzu 1990, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha huma eccipew:-

Illi l-konvenuti bl-ebda mod ma kienu responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici kif minnha reklamati;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Marzu 1992 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Joseph

Galea Debono bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici li wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ukoll id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 1994 li permezz tieghu, wara rikors appozitu tal-perit legali wara li kien hemm il-qbil taz-zewg partijiet, il-Qorti ghaddiet biex tinnomina lil Dr. Anthony Galea Debono bhala espert mediku bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-rapporti pprezentati miz-zewg esperti nominati li jinsabu a fol 49 *et sequitur* tal-process li gew minnhom debitament konfermati fl-Udjenza ta' l-10 ta' Novembru 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:-

Illi l-attrici kienet impjegata bhala fattiga mal-konvenuti u kienet tahdem fil-post maghruf bhala Palazzo Parisio fin-Naxxar u ppremettiet li tul dan l-impjieg kienet giet kostretta taghmel xoghol ta' strapazz kompriz l-irfiegh ta' oggetti tqal u bhala konsegwenza ta' dan hija korriet f'ghonqa u f'daharha u baqghet issofri minn debilitazzjoni ta' natura permanenti. Konsegwentement hija talbet li jigu likwidati d-danni minnha sofferti u

li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-ammont hekk likwidat;

Illi minn naha taghhom il-konvenuti eccepew illi huma bl-ebda mod ma kienu responsabbli ghal dak li gara lill-attrici; illi wara aktar minn tmien snin illi fiha kienu xehdu biss l-atturi, il-Qorti ffissat seduti ghal provi tal-konvenuti u meta dawna baqghu ma resqux il-provi taghhom awtorizzat lill-imsemmija esperti biex jestendu r-relazzjoni taghhom fuq il-provi li kellhom quddiemhom;

Illi l-espert mediku ezamina lill-attrici u ha konjizzjoni tac-certfikati u tad-dokumenti kollha relattivi ghal kaz, ta l-opinjoni illi l-inkapacita` permanenti ta' l-attrici tlahhaq ghal hamsa fil-mija (5%), waqt illi esperti nominati m'ghaddewx biex jillikwidaw id-danni pretizi mill-atturi u dan qabel ma jigu ordnati biex ikomplu bl-inkarigu taghhom; dan huma ghamluh billi fl-opinjoni taghhom l-atturi ma kienx irnexxilhom jippruvaw illi dak li gralha l-attrici kien b'xi mod attribwibbli ghal xi att jew ommissjoni da parti tal-konvenuti bhala *employers* taghha u li ghalhekk it-talbiet ta' l-atturi kienu infondati;

Illi l-Qorti ma tistax ma tirrelivax illi f'dina l-kawza l-atturi ressqu l-provi kollha taghhom minghajr ebda forma ta' opposizzjoni u minghajr anqas biss saru l-kontro-ezamijiet u ghalhekk il-konkluzjonijiet wiehed irid jasal ghalihom fuq l-ezami tax-xhieda prodotti mill-istess attrici. Ghalhekk bhala fatti l-Qorti qeghda taccetta dak kollu li qalet l-attrici u x-xhieda taghha pero` xorta l-Qorti trid tara jekk dak li gara kienx

tort jew negligenza totali jew kontributorja ta' l-*employer*;

Illi kif abbilment sottomess mid-difensur ta' l-attrici fin-nota ta' kritika tieghu ghar-rapport peritali, l-attrici kienet l-unika persuna li tahdem bhala fattiga f'Palazzo Parisio; dan fih innifsu ma jistax iwassal ghal responsabilta` tal-konvenuti ghall-hsara li sofriet l-attrici. Huwa veru li n-natura tax-xoghol ta' fattiga jinvolvi certu ammont ta' tbatija pero` dan ma jwassalx biex jikkrea in-ness mehtieg ghal kundanna tal-konvenuti. Il-provi mressqa mill-istess attrici ghalkemm ovvjament ix-xoghol taghha kien kif gja intqal, ta' certu strapazz pero` ma jidher bl-ebda mod li hija giet kostretta li taghmel aktar minn li kienet tiflah.

Illi mic-certifikati rilaxxati mill-esperti ortopedici mressqa mill-attrici ex parte irrizulta illi hija "*as you rightly stated she injured her neck on two occasions namely on the 15th February 1989 and on the 11th April 1989 whilst carrying heavy dustbins and crates of soft drinks in the course of her duties as a maid at Palazzo Parisio*". Dina hija l-ittra mibghuta mill-ortopediku Dr. Carmel Apap Bologna lill-avukat Ciappara li allura kien jippatrocina lill-attrici; mill-ezami tax-xhieda taghha pero` jidher illi hija issemmi episodju wiehed meta gara d-dannu li hija tilmenta minnu u tispjegah hekk "*darba minnhom kont niezla t-tarag b'wiehed minn dawn it-tankijiet mimli bil-flixken, u kif qed indur fil-pjan tat-tarag, faqqali xi haga minn dahri u idi baqghet hekk, cioe` fil-posizzjoni li kont qed nerfa fiha, kif qed nuri lill-perit*". Il-Qorti ma

tistax ma tirrelevax il-fatt li proprju ftit wara stqarret ukoll "*qabel qatt ma kelli trouble f'dahri*";

Illi dwar l-incident partikolari li fuqu tibbaza t-talba taghha l-attrici hija resqet bhala xhud lil Joseph Chetcuti li kien jahdem f'Palazzo Parisio u li gieli ra lill-attrici tnaddaf, tqandel u ggorr l-affarijiet bhal imwejjed kbar u trays u tqandel ukoll it-tankijiet taz-zibel kbar u tnaddaf it-twieqi; dwar l-incident partikolari huwa xehed hekk "*darba kienet ftit 'il boghod minna u naf li hadet skoss u ghajtet u meta staqsejtha x'gara, qalet li kienet hadet skoss go daharha. Kienet ser terfa' xi oggett u jiena ghidtilha 'Ghax ma ghidtlix nghinek?'*";

Illi dan jaghti wiehed x'jifhem li ghalkemm l-attrici kienet wahedha fix-xoghol ta' fattiga certament fil-mumenti meta hija kien ikollha ggorr xi haga tqila setghet facilment talbet li xi hadd iehor li kien ikun qieghed jahdem hemm; illi l-attrici ma jidhirx li xi hadd kien jindahlilha dwar kif taghmel ix-xoghol taghha pero` irrizulta wkoll li kienu avzawha biex it-tankijiet jew il-kaxex ma tkaxkarhomx fuq l-irham jew fuq il-parquet u kien ikollha terfaghhom u ggorrhom; kien f'din il-parti tax-xoghol taghha li kellha l-perikolu ghad-dahar taghha u kien hawn meta seghtet talbet l-ghajnuna ta' haddiehor amenoche ma kienetx taghzel illi tnaqqas mill-piz li kien ikun hemm, fit-tankijiet, b'mod li ma jkunux daqshekk tqal ghaliha;

Illi l-Qorti tosserva wkoll li l-attrici stqarret li hija qabel dakinhar ma kellha qatt trouble

f'daharha; dana huwa kontradett mid-dikjarazzjoni tax-xhud ex parte Dr. Apap Bologna illi qal li dawn kienu zewg incidenti u mhux wiehed u indika wkoll id-dati specifici taghhom u inoltre skond l-istess ortopediku "*this lady has had a pre-existing skeletal disorder in her neck*" ghalkemm hija probabilment ma kinetx taf b'dan in-nuqqas fiziku taghha;

Illi pero` il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attrici ma spjegatx ic-cirkostanzi ta' l-ewwel okkazjoni li hija semmiet lill-imsemmi Dr. Apap Bologna illi kien gralha fil-15 ta' Frar 1989. Il-Qorti anqas tifhem kif anqas wara t-tieni incident jigifieri dak tal-15 ta' April 1989 l-ewwel X-Ray li jsemmi l-istess Dr. Apap Bologna jidher li ttiehed fil-15 ta' Mejju 1989 jigifieri aktar minn xahar wara. Illi dana kollu ma jsostnix il-kredibilita` tal-verzjoni moghtija mill-attrici;

Illi pero`, irrispettivament minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tarax li l-attrici rnexxielha tipprova xi negligenza da parti tal-konvenuti li kienu jimpjegawha. Kif intqal, jidher li l-unika restrizzjoni li kienet imposta fuqha kien illi ma tkaxkarx dawk il-kaxxi u t-tankijiet pero` ma jidhirx li xi hadd kien jindahlilha kif tqassam ix-xoghol taghha, u hlief ghal dak il-garr tal-kaxxi u t-tankijiet l-attrici ma semmiet ebda xoghol iehor li seta' wassal ghar-responsabilita` tal-konvenuti; ghalkemm saret referenza fin-nota ta' kritika imsemmija, ma jidhirx illi l-attrici ippruvat li l-konvenuti ma kienux ipprovdewha b'dak li kien adegwat ghax-xoghol li kienet qed taghmel;

Illi mill-asjem tal-provi prodotti il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-abbli relaturi. Ghalkemm certament kieku l-konvenuti hadu parti aktar attiva f'din il-kawza l-istampa li kien ikollha l-Qorti quddiemha kienet tkun ferm aktar cara bhal nghidu ahna x'kienu l-kondizzjonijiet illi imponewlha meta dahlet fl-impjieg jew dwar is-supervizjoni li kienet issirilha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti;

Konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez fic-cirkostanzi jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur